

Brussell, 16 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

12020/20

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0293(NLE)**

---

---

**ENV 638**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 654 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt l-erbgħin laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali (il-Konvenzjoni ta' Berna)

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 654 final.

Mehmuż: COM(2020) 654 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.10.2020  
COM(2020) 654 final

2020/0293 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt l-erbgħin laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali (il-Konvenzjoni ta' Berna)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, waqt l-erbgħin laqgħa annwali tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali, fi Strasburgu, Franza, bejn l-1 u l-4 ta' Diċembru 2020, b'rabta mal-adozzjoni prevista mill-Kumitat Permanenti ta' żewġ deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-emenda tal-Konvenzjoni, u l-istabbiliment ta' ftehim parzjali estiż.

### 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali (Konvenzjoni ta' Berna)

Il-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali ("il-Konvenzjoni") għandha bħala għan il-konservazzjoni tal-fawna u tal-flora selvaġġa Ewropej u tal-ħabitats naturali tagħhom, speċjalment dawk li l-konservazzjoni tagħhom teħtieġ il-kooperazzjoni ta' diversi Stati Membri. Hija trattat intergovernattiv, konkluż taħt l-awspiċi tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1982.

L-Unjoni Ewropea ilha Parti Kontraenti għal din il-Konvenzjoni mill-1 ta' Settembru 1982<sup>1</sup>. Bħalissa hemm 51 Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE.

#### 2.2. Il-Kumitat Permanenti

Il-Kumitat Permanenti huwa l-korp deċiżjonali tal-Konvenzjoni. Huwa responsabbli biex isegwi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-funzjonijiet tiegħu huma elenkati fl-Artikoli 13 sa 15 tal-Konvenzjoni. Dan jiltaqa' mill-anqas darba kull sentejn u kull meta maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti titlob hekk. Saret drawwa għall-Kumitat Permanenti li jiltaqa' kull sena.

Skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni, emenda tal-Artikoli 13 sa 24 tal-Konvenzjoni għandha tiġi adottata minn maġġoranza ta' tliet kwarti tal-Partijiet fil-Kumitat Permanenti, u wara dan għandha tiġi ppreżentata lill-Kumitat tal-Ministri għall-approvazzjoni.

Skont l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Kumitat Permanenti jista' jagħmel proposti għat-titjib tal-effettività tal-Konvenzjoni. Sussegwentement, il-Kumitat Permanenti jista' jiddeċiedi li jipproponi lill-Kumitat tal-Ministri l-adozzjoni ta' Ftehim Parzjali Estiż għat-titjib tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Skont ir-regola 8b tar-Regoli ta' Proċedura, din id-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti għandha tittieħed b' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa.

#### 2.3. L-att previst tal-Kumitat Permanenti

Bejn l-1 u l-4 ta' Diċembru 2020, fi Strasburgu, Franza, matul l-erbgħin laqgħa tiegħu, il-Kumitat Permanenti huwa mistenni jadotta deċiżjonijiet rigward:

- L-Emenda tal-Konvenzjoni biex jiġu introdotti klawżoli finanzjarji ("l-ewwel att previst") u
- L-Istabbiliment ta' Ftehim Parzjali Estiż dwar il-Fond għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali ("it-tieni att previst").

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/72/KEE tat-3 ta' Diċembru 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali, ĠU L 38, 10.2.1982, p. 1.

L-iskop tal-ewwel att previst huwa li jemenda l-Konvenzjoni biex jiġi introdott mekkaniżmu finanzjarju li permezz tiegħu l-Kumitat Permanenti jiddetermina skala ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji obligatorji mill-Partijiet li jikkumplementaw l-allokkazzjoni tal-baġit ordinarju tal-Kunsill tal-Ewropa.

Skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni, l-ewwel att previst għandu jidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha wara l-approvazzjoni mill-Kumitat tal-Ministri u sussegwentement fit-tletin jum wara li l-Partijiet Kontraenti kollha jkunu nnotifikaw l-aċċettazzjoni tagħhom.

L-għan tat-tieni att previst huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni intergovernattiva għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Berna, inkluż billi tiġi stabbilita kontribuzzjoni finanzjarja obligatorja għall-partijiet għall-Ftehim Parzjali Estiż.

Skont l-Artikolu 20.d tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Artikolu 2 tal-Gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-proċeduri u l-Metodi ta' Ħidma, wara d-deċiżjoni mill-Kumitat Permanenti, it-tieni att previst għandu jidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha tal-Ftehim Parzjali Estiż wara l-adozzjoni mill-Kumitat tal-Ministri b'maġġoranza ta' żewġ terzi tar-Rappreżentanti li jitfgħu vot u maġġoranza tar-Rappreżentanti li jitfgħu vot u maġġoranza tar-Rappreżentanti intitolati li jippresjedu fil-Kumitat tal-Ministri, u sussegwentement wara li jintlaħaq limitu minimu ta' firmatarji. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kumitat tal-Ministri, il-limitu minimu tas-sħubija huwa stabbilit għal terz tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, li fil-preżent ikun jikkonsisti minn 16-il pajjiż.

### **3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Skont ir-Riżoluzzjoni Nru 9 (2019) tad-disa' u tletin laqgħa tal-Kumitat Permanenti, adottata fis-6 ta' Diċembru 2019, dwar il-finanzjament tal-Konvenzjoni ta' Berna dwar l-istabbiliment ta' sistema ġdida ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji obligatorji mill-Partijiet, ġie stabbilit grupp ta' ħidma tal-esperti intersessjonali biex jassisti lis-Segretarjat jippreżenta proposti għall-inklużjoni ta' klawżoli finanzjarji billi jemenda l-artikoli tal-Konvenzjoni ta' Berna u biex jistabbilixxi Ftehim Parzjali Estiż, għall-konsiderazzjoni fl-erbgħin laqgħa tal-Kumitat Permanenti.

L-allokkazzjoni ordinarja tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Konvenzjoni ta' Berna naqset progressivament matul is-snin sal-punt li l-funzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna ma jistgħux jiġu żgurati mingħajr kontribuzzjonijiet volontarji mill-partijiet, li qed jonqsu wkoll. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġi stabbilit sors affidabbli ta' finanzjament għall-Konvenzjoni.

Għalhekk, il-proposta biex tiġi emendata l-Konvenzjoni biex tinkludi mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' kontribut obligatorju allinjat mad-dispożizzjonijiet tal-biċċa l-kbira tal-ftehimiet ambjentali multilaterali, jenħtieġ li tiġi appoġġata fil-prinċipju. Madankollu, fil-kuntest ta' ftehimiet ambjentali multilaterali oħra, normalment ikun hemm distinzjoni bejn il-baġit ewlieni u l-baġit programmatiku, fejn tal-ewwel biss ikun suġġett għal kontribuzzjonijiet obligatorji. L-emenda proposta għall-Konvenzjoni ma tikkjarifikax li l-mekkaniżmu li għandu jiġi stabbilit isegwi dan il-preċedent. L-emenda proposta lanqas tispeċifika l-iskala tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jiġu applikati. Għalhekk, l-Unjoni ma għandhiex tappoġġa l-emenda fil-format preżenti tagħha, iżda tappoġġa l-posponiment tal-vot dwar din il-kwistjoni biex jitħalla perjodu ta' negozjar biex jiġi rfinat it-test tal-emenda proposta sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza dwar dawn il-kwistjonijiet.

Meta jitqies it-tul ta' żmien meħtieġ biex l-emenda proposta tiġi nneozjata u tidħol fis-seħħ, hija meħtieġa wkoll soluzzjoni aktar immedjata. Għalhekk, l-Unjoni għandha tappoġġa l-proposta li jiġi stabbilit Ftehim Parzjali Estiż, li jippermetti lil dawk il-Partijiet u lil dawk li

mhumieq membri iżda li jixtiequ jaderixxu ma' dan il-ftehim u jappoġġaw b'hekk l-attivitajiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.

#### **4. BAŻI ĠURIDIKA**

##### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

###### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”<sup>2</sup>.

###### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kumitat Permanenti huwa korp imwaqqaf permezz tal-Konvenzjoni.

L-atti li l-Kumitat Permanenti huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali. L-atti previsti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

##### **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

###### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-għan u fuq il-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun biss wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

###### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw l-ambjent.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

##### **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

<sup>2</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

## **5. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Billi l-atti previsti tal-Komitat Permanenti jeħtieġu approvazzjoni ulterjuri mill-Komitat tal-Ministri, mhuwiex xieraq li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħhom.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt l-erbgħin laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali (il-Konvenzjoni ta' Berna)**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali ("il-Konvenzjoni") kienet konkluzja mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/72/KEE<sup>3</sup> u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 1982.
- (2) Skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni, il-Kumitat Permanenti jista' jadotta emendi għall-Konvenzjoni li jiġu ppreżentati lill-Kumitat tal-Ministri għall-approvazzjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, filwaqt li l-Kumitat Permanenti tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Berna huwa responsabbli biex isegwi l-applikazzjoni għall-Konvenzjoni, u jista' b'mod partikolari jagħmel kwalunkwe proposta biex tittejjeb l-effettività tal-Konvenzjoni, il-Kumitat Permanenti jista' jiddeċiedi li jipproponi lill-Kumitat tal-Ministri li jiġi stabbilit Ftehim Parzjali Estiż għat-titjib tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni.
- (4) Il-Kumitat Permanenti, matul l-erbgħin laqgħa tiegħu bejn l-1 u l-4 ta' Diċembru 2020, se jadotta deċiżjonijiet dwar l-emenda tal-Konvenzjoni biex jiġu introdotti klawżoli finanzjarji u dwar l-istabbiliment ta' Ftehim Parzjali Estiż dwar il-Fond għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Permanenti, billi d-deċiżjonijiet tiegħu se jkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Is-Segretarjat ippreżenta proposta biex tiġi emendata l-Konvenzjoni u jiġi introdott mekkaniżmu finanzjarju li permezz tiegħu l-Kumitat Permanenti jiddetermina skala ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji obligatorji mill-Partijiet li jikkumplimentaw l-allokkazzjoni tal-baġit ordinarju tal-Kunsill tal-Ewropa.
- (7) Skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni, din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ għall-Partijiet wara l-approvazzjoni mill-Kumitat tal-Ministri u sussegwentement fit-tletin jum wara li l-Partijiet kollha jkunu nnotifikaw l-aċċettazzjoni tagħhom.
- (8) Is-Segretarjat ippreżenta wkoll proposta biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni intergovernattiva għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Berna permezz tal-

<sup>3</sup> ĠU L 38, 10.2.1982, p. 1.

istabbiliment ta' Ftehim Parzjali Estiż, li jkun jinkludi kontribuzzjoni finanzjarja obbligatorja għall-partijiet tal-Ftehim Parzjali Estiż.

- (9) Skont l-Artikolu 20.d tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Artikolu 2 tal-Gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Proċeduri u l-Metodi ta' Ħidma, wara deċiżjoni mill-Kumitat Permanenti, il-Ftehim Parzjali Estiż propost għandu jidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha tal-Ftehim Parzjali Estiż wara l-adozzjoni mill-Kumitat tal-Ministri b'maġġoranza ta' żewġ terzi tar-Rappreżentanti li jitfgħu vot u maġġoranza tar-Rappreżentanti li jitfgħu vot u maġġoranza tar-Rappreżentanti intitolati li jippresjedu fil-Kumitat tal-Ministri, u sussegwentement wara li jintlaħaq limitu minimu ta' firmatarji.
- (10) Hemm hteġa urġenti li jiġi stabbilit sors ta' finanzjament għall-funzjonament tal-Konvenzjoni ta' Berna, meta jitqies it-tnaqqis fil-finanzi pprovduti permezz tal-kontribuzzjoni ordinarja tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll it-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet volontarji mill-Partijiet.
- (11) L-emenda tal-Konvenzjoni biex jiġi introdott mekkaniżmu finanzjarju hija allinjata ma' kif jiġu ffinanzjati ftehimiet ambjentali multilaterali oħra u tiżgura kontribuzzjoni ġusta mill-Partijiet kollha għall-Konvenzjoni. Madankollu, it-test propost għall-emenda tal-Konvenzjoni jħalli inċertezza fir-rigward tal-mekkaniżmu finanzjarju li jrid jiġi stabbilit, b'mod partikolari fir-rigward tad-distinzjoni bejn il-baġits ewlenin u dawk programmatiċi, u fir-rigward tal-livell ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jiġu meħtieġa.
- (12) L-appoġġ għal emenda tal-Konvenzjoni biex jiġi introdott mekkaniżmu finanzjarju jrid isegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 (2) u (4) tat-Trattat.
- (13) It-tul taż-żmien meħtieġ għan-negozjar u d-dħul fis-seħħ ta' emenda għall-Konvenzjoni jindika l-hteġa għal soluzzjoni aktar immedjata, li tkun issodisfata permezz tal-Ftehim Parzjali Estiż propost.
- (14) Il-Ftehimiet Parzjali Estiżi mhumiex trattati internazzjonali minnhom infushom, iżda huma forma ta' kooperazzjoni fil-Kunsill tal-Ewropa.
- (15) Fid-dawl tal-obbligi tat-trattat għal kooperazzjoni leali, dawk l-Istati Membri li jsiru parti għall-Ftehim Parzjali Estiż se jkunu marbuta jiżguraw li l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim tkun allinjata mal-interessi tal-Unjoni fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Berna,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fl-erbgħin laqgħa tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali, għandha tkun:

- Li tiġi proposta mozzjoni biex tiġi posposta l-votazzjoni dwar il-proposta li tiġi emendata l-Konvenzjoni sal-wieħed u erbgħin laqgħa tal-Kumitat Permanenti;
- Li tiġi appoġġata l-proposta biex jiġi stabbilit Ftehim Parzjali Estiż.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.  
Magħmul fi Brussell,

*F'isem il-Kunsill  
Il-President*